REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/36

tal-11 ta' Jannar 2022

li jemenda l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 fir-rigward tal-mudell taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali akkwatiċi ħajjin u prodotti li ġejjin mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 238(3) u 239(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) u (b), u l-Artikolu 126(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([4]) jistabbilixxi regoli dwar iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali previsti fir-Regolament (UE) 2016/429, iċ-ċertifikati uffiċjali previsti fir-Regolament (UE) 2017/625, u ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali bbażati fuq dawk ir-Regolamenti, meħtieġa għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti kunsinni ta' annimali u oġġetti (minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa "iċ-ċertifikati"). B'mod partikolari, l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxi, *inter alia*, il-mudell taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali akkwatiċi ħajjin u prodotti li ġejjin mill-annimali.

(2) B'mod aktar speċifiku, il-Kapitoli 1 (MUDELL BOV), 2 (MUDELL OVI), 24 (MUDELL MP-PREP), 25 (MUDELL MPNT), 26 (MUDELL MPST), 27 (MUDELL CAS), 41 (MUDELL GEL), 42 (MUDELL COL), 43 (MUDELL RCG), 44 (MUDELL TCG) u 50 (MUDELL COMP) tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 stabbilew mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, u ċertifikati uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti ta' oriġini bovina, ovina u kaprina. Reċentement, ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), ġie emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1176 ([6]) sabiex jiġu aġġornati, *inter alia*,

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([2]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.
([3]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).
([5]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147 31.5.2001, p. 1).
([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1176 tas-16 ta' Lulju 2021 li jemenda l-Annessi III, V, VII u IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġenotipar tal-każijiet pożittivi ta' TSE fil-mogħoż, tad-determinazzjoni tal-età fl-annimali ovini u kaprini, tal-miżuri applikabbli f'merħla jew f'qatgħa bi scrapie atipika u tal-kundizzjonijiet għall-importazzjonijiet ta' prodotti ta' oriġini bovina, ovina u kaprina (ĠU L 256, 19.7.2021, p. 56).

ir-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti ta' oriġini bovina, ovina u kaprina biż-żieda ta' kundizzjonijiet speċifiċi fil-każ tad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tar-ruminanti minn pajjiż b'riskju kontrollat ta' BSE fejn ikunu ġejjin minn annimali li joriġinaw minn pajjiż b'riskju mhux determinat ta' BSE. Dawk ir-rekwiżiti l-ġodda għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-kunsinni jenħtieġ li jiġu riflessi f'dawk il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u ċ-ċertifikati uffiċjali. Għalhekk huwa meħtieġ li dawk il-mudelli jiġu emendati kif xieraq.

(3) Barra minn hekk, l-attestazzjonijiet tas-saħħa pubblika u tas-saħħa tal-annimali fil-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' prodotti tal-laħam maħsuba għall-konsum mill-bniedem stabbiliti fil-Kapitoli 25 (MUDELL MPNT) u 26 (MUDELL MPST) tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jirriflettu b'mod preċiż ir-rekwiżiti dwar id-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li ġejjin mill-annimali minn annimali ċervidi mrobbija u selvaġġi stabbiliti fl-Anness IX, il-Kapitolu F, tar-Regolament (KE) 999/2001 u dwar l-istabbiliment tal-oriġini ta' annimali li minnhom inkiseb laħam frisk stabbiliti fl-Artikolu 150 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([7]) rispettivament. Għalhekk huwa meħtieġ li dawk il-mudelli jiġu emendati kif xieraq.

(4) Il-Kapitolu 27 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxi mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' budellati maħsuba għall-konsum mill-bniedem (MUDELL CAS). F'konformità mal-Artikolu 148 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, il-punt II.2.2. ta' dak il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jipprovdi l-possibbiltà li l-pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk u għalhekk elenkati fl-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([8]), għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' budellati mingħajr mingħajr ċertifikazzjoni tal-applikazzjoni tat-trattament ta' mitigazzjoni tar-riskji previsti fil-punt 2 tal-Anness XXVI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Madankollu, it-test attwali ta' dak il-punt mhuwiex ċar biżżejjed fir-rigward taż-żona tal-oriġini tal-budellati meta din il-possibbiltà hija applikabbli. Sabiex jiġi ċċarat li tali possibbiltà tapplika biss għaż-żoni elenkati fl-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, jenħtieġ li jiġi inkluż il-kodiċi taż-żona tal-oriġini tal-budellati, kif jidher fl-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Għalhekk huwa meħtieġ li dak il-mudell jiġi emendat kif xieraq.

(5) Barra minn hekk, il-Kapitoli 28 (MUDELL FISH-CRUST-HC) u 31 (MUDELL MOL-HC) tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 stabbilew mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ħut ħaj, krustaċji ħajjin, u prodotti li ġejjin mill-annimali minn dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, u kunsinni ta' molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikati, gasteropodi tal-baħar u prodotti li ġejjin mill-annimali minn dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Sabiex tittejjeb iċ-ċarezza tan-noti f'dawk il-mudelli, jenħtieġ li jiġi speċifikat b'mod ċar li l-kunsinni ta' prodotti li ġejjin mill-annimali minn annimali akkwatiċi li jirrikjedu l-mili tal-attestazzjonijiet tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-Parti II.2 huma dawk li ma ġewx esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, skont l-Artikolu 1, il-punt (6), ta' dak ir-Regolament. Speċifikament, il-kunsinni ta' prodotti li ġejjin mill-annimali minn annimali akkwatiċi, għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin, li jidħlu fl-Unjoni lesti għall-konsum mill-bniedem, mingħajr ma jgħaddu minn ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni, ma jeħtiġux il-mili tal-attestazzjonijiet tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-Parti II.2. Id-definizzjoni ta' "ipproċessar ulterjuri" tgħin ukoll biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni dwar tali kunsinni. Għalhekk huwa meħtieġ li dawk il-mudelli jiġu emendati kif xieraq.

(6) Barra minn hekk, l-emendi reċenti li saru fl-Artikolu 167, il-punti (a) u (b), u fl-Artikolu 169(3), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1705 ([9]) jenħtieġ li jiġu riflessi fl-attestazzjonijiet tas-saħħa tal-annimali tal-Kapitoli 28 (MUDELL FISH-CRUST-HC) u 31 (MUDELL MOL-HC) tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235. Għalhekk huwa meħtieġ li dawk il-mudelli jiġu emendati kif xieraq.

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

([9]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1705 tal-14 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 339, 24.9.2021, p. 40).

(7) Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-perjodu ta' validità tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali stabbiliti fil-punti II. 2.8. tal-Kapitoli 28 (MUDELL FISH-CRUST-HC) u 31 (MUDELL MOL-HC) tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 japplika biss għall-kunsinni ta' annimali akkwatiċi ħajjin koperti minn dawn iċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali. Għalhekk huwa meħtieġ li dawk il-mudelli jiġu emendati kif xieraq.

(8) Barra minn hekk, il-Kapitoli 33, 34 u 35 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxu mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat maħsub għall-konsum mill-bniedem (MILK-RM); prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum mill-bniedem derivati minn ħalib mhux ipproċessat jew li mhumiex meħtieġa jgħaddu minn trattament speċifiku għall-mitigazzjoni tar-riskju (MUDELL MILK-RMP/NT); u prodotti tal-ħalib maħsuba għall-konsum mill-bniedem li huma meħtieġa jgħaddu minn trattament ta' pasturizzazzjoni (MUDELL DAIRY-PRODUCTS-PT). Madankollu, dawk il-mudelli ma jirriflettux l-alternattivi għall-perjodu ta' residenza tal-annimali li minnhom inkiseb il-ħalib fil-pajjiż terz, territorju jew żona tiegħu tal-oriġini tal-ħalib jew tal-prodotti tal-ħalib, issa stabbiliti fl-Artikolu 154 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, kif emendat reċentement bir-Regolament Delegat (UE) 2021/1705. Għalhekk huwa meħtieġ li dawk il-mudelli jiġu emendati kif xieraq.

(9) Il-Kapitolu 45 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni tal-għasel u prodotti oħra tal-apikultura maħsuba għall-konsum mill-bniedem (MUDELL HON). Sabiex tiġi żgurata l-awtentiċità ta' dawk il-kunsinni, il-garanziji għal tali kunsinni jenħtieġ li jittejbu billi jiġu allinjati ma' ċerti regoli stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE ([10]). Għalhekk huwa meħtieġ li dak il-mudell jiġi emendat kif xieraq.

(10) Il-Kapitoli 50 u 52 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxu mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni tal-prodotti komposti mhux stabbli fuq l-ixkaffa u l-prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa, li jkun fihom kwalunkwe kwantità ta' prodotti tal-laħam ħlief il-ġelatina, il-kollaġen u l-prodotti raffinati ħafna, u maħsuba għall-konsum mill-bniedem (MUDELL COMP), u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għat-tranżitu mill-Unjoni lejn pajjiż terz, jew permezz ta' tranżitu immedjat, jew wara l-ħżin fl-Unjoni ta' prodotti komposti mhux stabbli fuq l-ixkaffa u prodotti komposti stabbli fuq l-ixkaffa li jkun fihom kwalunkwe kwantità ta' prodotti tal-laħam u maħsuba għall-konsum mill-bniedem (MUDELL TRANSIT-COMP). Dawn iż-żewġ mudelli jinkludu attestazzjoni speċifika tas-saħħa tal-annimali għall-prodotti tal-ħalib li jinsabu fil-prodotti komposti. Fir-rigward tal-post tal-produzzjoni, l-attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali ma tirriflettix il-possibbiltà li wieħed jiċċertifika li l-prodotti tal-ħalib li jinsabu fil-prodotti komposti ġew prodotti fi Stat Membru. Il-prodotti tal-ħalib prodotti fi Stat Membru jikkonformaw mal-garanziji kollha meħtieġa dwar is-saħħa tal-annimali u għalhekk jenħtieġ li dik il-possibbiltà tiġi inkluża f'dawk il-mudelli. Barra minn hekk, l-attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġu ċċarati l-opzjonijiet differenti pprovduti biex tiġi ċċertifikata l-ispeċi tal-oriġini tal-ħalib li minnu ġew prodotti il-prodotti tal-ħalib. Għalhekk huwa meħtieġ li dawk il-mudelli jiġu emendati kif xieraq.

(11) Barra minn hekk, il-Kapitoli 50 (MUDELL COMP) u 52 (MUDELL TRANSIT-COMP) tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jenħtieġ li jiġu emendati biex tiġi pprovduta l-possibbiltà għall-pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom li jiċċertifikaw oriġini differenti ta' prodotti pproċessati li jinsabu fil-prodotti komposti, jekk tali prodotti jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa pubblika u tas-saħħa tal-annimali. Għalhekk huwa meħtieġ li dawk il-mudelli jiġu emendati kif xieraq.

(12) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jiġi emendat kif xieraq.

(13) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil tal-kummerċ fir-rigward tad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali akkwatiċi ħajjin u prodotti li ġejjin mill-annimali, l-użu taċ-ċertifikati maħruġa f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, kif applikabbli qabel l-emendi li saru b'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, jenħtieġ li jkomplu jiġu awtorizzati matul perjodu tranżitorju soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([10]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-għasel (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 47).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għal perjodu tranżitorju sal-15 ta' Settembru 2022, il-kunsinni ta' ċerti annimali akkwatiċi ħajjin u prodotti li ġejjin mill-annimali, akkumpanjati miċ-ċertifikati xierqa tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, miċ-ċertifikati uffiċjali, jew miċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali maħruġa f'konformità mal-mudelli stabbiliti fil-Kapitoli 1, 2, 24 sa 28, 31, 33 sa 35, 41 sa 45, 50 u 52 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, kif applikabbli qabel l-emendi li saru lil dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni b'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, għandhom ikomplu jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni dment li ċ-ċertifikat ikun inħareġ mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 2022.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Kapitolu 1, il-punt II.1.10 tal-attestazzjoni tas-saħħa pubblika huwa sostitwit b'dan li ġej:

"II.1.10. fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE):

[1] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE [A] bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE, u

[1] *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE;]

[1] *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u:

[1] *jew* [(i) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

[1] jew [(i) il-karkassi, in-nofs karkassi jew in-nofs karkassi maqtugħa f'mhux aktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u l-kwarti ma fihom l-ebda materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għajr il-kolonna vertebrali, inkluż il-gangliju tal-għerq dorsali, u l-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi ta' annimali ta' aktar minn 30 xahar u li fihom kolonna vertebrali huma identifikati bi strixxa ħamra viżibbli b'mod ċar fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 13 jew 15 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B] [3];]

(ii) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;]

[1] *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE u:

[1] *jew* [(i) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

[1] *jew* [(i) il-karkassi, in-nofs karkassi jew in-nofs karkassi maqtugħa f'mhux aktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u l-kwarti ma fihom l-ebda materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għajr il-kolonna vertebrali, inkluż il-gangliju tal-għerq dorsali, u l-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi ta' annimali ta' aktar minn 30 xahar u li fihom kolonna vertebrali huma identifikati bi strixxa ħamra viżibbli b'mod ċar fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 13 jew 15 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 [3];]

(ii) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(iii) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ([C]);

(iv) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat kien prodott u ġie mmaniġġjat b'tali mod li jiżgura li ma fihx u ma ġiex kontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]

[1] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u

(a) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; u

[1] *jew* [(b) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; u]

[1] *jew* [(b) il-karkassi, in-nofs karkassi jew in-nofs karkassi maqtugħa f'mhux aktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u l-kwarti ma fihom l-ebda materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għajr il-kolonna vertebrali, inkluż il-gangliju tal-għerq dorsali, u l-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi ta' annimali ta' aktar minn 30 xahar u li fihom kolonna vertebrali huma identifikati bi strixxa ħamra viżibbli b'mod ċar fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 13 jew 15 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 [3]; u]

[1] *jew* [(c) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli jew ikkontrollat ta' BSE;]

[1] *jew* [(c) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE u

(i) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(ii) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat kien prodott u ġie mmaniġġjat b'tali mod li jiżgura li ma fihx u ma ġiex kontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]

[1] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE, u

(a) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat:

(i) ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ma tbiċċrux b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(ii) ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ minn ruminanti, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

[1] *jew* [(b) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

[1] *jew* [(b) il-karkassi, in-nofs karkassi jew in-nofs karkassi maqtugħa f'mhux aktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u l-kwarti ma fihom l-ebda materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għajr il-kolonna vertebrali, inkluż il-gangliju tal-għerq dorsali, u l-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi ta' annimali ta' aktar minn 30 xahar u li fihom kolonna vertebrali huma identifikati bi strixxa ħamra viżibbli b'mod ċar fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 13 jew 15 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 [3];]

(c) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhuwiex derivat minn tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar.]

([A]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84)

([B]) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-frat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

([C]) https://www.oie.int/en/standard-setting/terrestrial-code/access-online/";

(2) Fil-Kapitolu 2, il-punt II.1.10 tal-attestazzjoni tas-saħħa pubblika huwa sostitwit b'dan li ġej:

"II.1.10. fir-rigward tal-enċefalopatija spongiformi bovina (BSE):

[1] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE ([D]) bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE, u

[1] *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE;]

[1] *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u:

(i) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(b) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;]

[1] *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE u:

(i) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(b) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(iii) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ([E]);

(iv) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat kien prodott u ġie mmaniġġjat b'tali mod li jiżgura li ma fihx u ma ġiex kontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]

[1] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u

(a) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; u

(b) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(b) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; u

[1] *jew* [(c) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli jew ikkontrollat ta' BSE;]

[1] *jew* [(c) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE u

(i) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(ii) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat kien prodott u ġie mmaniġġjat b'tali mod li jiżgura li ma fihx u ma ġiex kontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]

[1] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE, u

(a) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat:

(i) ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ma tbiċċrux b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(ii) ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ minn ruminanti, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(b) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhuwiex derivat minn:

(i) materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(b) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]"

([D]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84)

([E]) https://www.oie.int/en/standard-setting/terrestrial-code/access-online/;

(3) Il-Kapitolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt II.1.11 tal-attestazzjoni tas-saħħa pubblika huwa sostitwit b'dan li ġej:

"[2] [II.1.11. jekk fihom materjal minn annimali bovini, ovini jew kaprini, fir-rigward tal-enċefalopatija spongiformi bovina (BSE):

[2] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE ([F]) bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE, u

[2] *jew* [l-annimali, li minnhom ġie derivat il-preparat tal-laħam, twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju BSE negliġibbli fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;]

[2] *jew* [l-annimali, li minnhom ġie derivat il-preparat tal-laħam, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn kien hemm tal-anqas każ indiġenu wieħed ta' BSE, u l-preparat tal-laħam ma fihx u ma ġiex derivat minn laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;]

[2] *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-preparat tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE u:

(i) il-preparat tal-laħam ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) il-preparat tal-laħam ma fihx u mhuwiex derivat minn laħam separat mekkanikament, miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(iii) l-annimali li minnhom huwa derivat il-preparat tal-laħam ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;]

[2] *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-preparat tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE u:

(i) il-preparat tal-laħam ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) il-preparat tal-laħam ma fihx u mhuwiex derivat minn laħam separat mekkanikament, miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(iii) l-annimali li minnhom huwa derivat il-preparat tal-laħam ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;]

(iv) l-annimali li minnhom huwa dderivat il-preparat tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ([G]);

(v) il-preparat tal-laħam kien prodott u ġie mmaniġġjat b'tali mod li jiżgura li ma fihx u ma ġiex kontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]

[2] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u

(a) l-annimali li minnhom huwa derivat il-preparat tal-laħam ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(b) il-preparat tal-laħam ma fihx u mhuwiex derivat minn:

(i) materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini.

[2] *jew* [(c) l-annimali li minnhom huwa derivat il-preparat tal-laħam, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli jew ikkontrollat ta' BSE;]

[2] *jew* [(c) l-annimali li minnhom huwa derivat il-preparat tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE u

(i) l-annimali li minnhom huwa dderivat il-preparat tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(ii) il-preparat tal-laħam kien prodott u ġie mmaniġġjat b'tali mod li jiżgura li ma fihx u ma ġiex kontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]]

[2] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE, u

(a) l-annimali li minnhom huwa derivat il-preparat tal-laħam:

(i) ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ma tbiċċrux b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(ii) ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ minn ruminanti, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(b) il-preparat tal-laħam ma fihx u mhuwiex derivat minn:

(i) materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(iii) tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar.]]"

([F]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84).

([G]) https://www.oie.int/en/standard-setting/terrestrial-code/access-online/

(b) fin-Noti, l-ewwel u t-tieni paragrafi ta' introduzzjoni, huma sostitwiti b'dan li ġej:

"F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' preparati tal-laħam (kif iddefinit fil-Punt 1.15 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004) ippreparati minn laħam frisk ta' annimali bovini, ta' annimali ovini u/jew kaprini, ta' razez domestiċi ta' annimali porċini, ta' annimali kamelidi u/jew annimali ċervidi u/jew ta' annimali tal-familja Bovidae għajr annimali bovini, ovini u kaprini, razez selvaġġi ta' annimali porċini, ta' leporidae, ta' tjur għajr ratiti, ta' għasafar tal-kaċċa, u ta' mammiferi terrestri selvaġġi għajr ungulati u leporidae inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali għat-tali preparat tal-laħam.";

(4) Il-Kapitolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt II.1.4.1. tal-attestazzjoni tas-saħħa pubblika huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1)[II.1.4.1. jekk miksub mil-laħam ta' annimali porċini domestiċi, dan il-laħam jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 ([H]), u b'mod partikolari:

[(1)] *jew* [kien soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi;]

[(1)] *jew* [ġie soġġett għal trattament ta' ffriżar f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375;]

[(1)(9)] *jew* [fil-każ ta' laħam minn annimali porċini domestiċi miżmuma esklussivament għas-simna u għat-tbiċċir, ġej minn azjenda jew minn kategorija ta' azjendi li kienet uffiċjalment rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti bħala ħielsa mit-*Trichinella* f'konformità mal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375;]]"

([H]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-Trichinella fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

(b) il-punt II.1.11. tal-attestazzjoni tas-saħħa pubblika huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) [II.1.11. jekk fihom materjal minn annimali bovini, ovini jew kaprini, fir-rigward tal-enċefalopatija spongiformi bovina (BSE):

[(2)] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE ([I]) bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE, u

[(2)] *jew* [l-annimali, li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam, twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju BSE negliġibbli fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;]

[(2)] *jew* [l-annimali, li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn kien hemm tal-anqas każ indiġenu wieħed ta' BSE, u l-prodotti tal-laħam ma fihomx u ma ġewx derivati minn laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;]

[(2)] *jew* [l-annimali li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE u:

(i) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament, miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(iii) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;]

[2] *jew* [l-annimali li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE u:

(i) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u mhumiex derivati minn laħam separat mekkanikament, miksub mill-għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini;

(iii) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;]

(iv) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ([1]);

(v) il-prodotti tal-laħam ġew prodotti u mmaniġġjati b'tali mod li jiżgura li ma fihomx u ma ġewx ikkontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti waqt il-proċess tad-dissussar;]]

[2] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u

(a) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(b) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u ma ġewx derivati minn:

(i) materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini u kaprini.

[2] *jew* [(c) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli jew ikkontrollat ta' BSE;]

[2] *jew* [(c) l-annimali li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE u

(i) l-annimali li minnhom huma derivati l-prodotti tal-laħam ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(ii) il-prodotti tal-laħam ġew prodotti u mmaniġġjati b'tali mod li jiżgura li ma fihomx u ma ġewx ikkontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti waqt il-proċess tad-dissussar;]]

[2] *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE, u

(a) l-annimali li minnhom ġew derivati l-prodotti tal-laħam:

(i) ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ma tbiċċrux b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(ii) ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ minn ruminanti, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(b) il-prodotti tal-laħam ma fihomx u ma ġewx derivati minn:

